TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 428/10

**David Muscat**

**vs**

**Portughes Laundry & Dry Cleaning**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż ppreżentat fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti żewġ *suits* li ħadhom għal *dry cleaning* u waħda mis-*suits* kienet bil-kulur differenti.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanżi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħa żewġ *suits* għal *dry cleaning* u xi sena wara li ġiet irritornata, meta kellu bżonn jilbisha, innota li l-kulur tal-ġakketta u l-qalziet ma' kinux jaqblu.

L-intimat issottometta bil-miktub illi huwa aċċetta s-*suits* meta ġew għandu u kien propju sena wara li lmenta li l-kulur kien differenti, jigifieri ġejjin minn *suits* differenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi wara dan it-trapass ta' żmien, hija diffiċli biex tistabbilixxi jekk verament ingħata xi *suit* differenti u għalhekk ir-rikorrenti kien obligat li meta jaċċetta s-*suits* imissu ċċekja dak il-ħin u mhux xi sena wara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888